32007L0022

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2007/22/KE

tas-17 ta' April 2007

li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE, dwar il-prodotti kosmetiċi, għar-raġunijiet ta' l-adattament ta' l-Annessi IV u VI tagħha għal progress tekniku

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 76/768/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar prodotti kożmetiċi [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 8(2) tagħha,

Wara konsultazzjoni mal-Kumitat Xjentifiku dwar il-Prodotti ta' Konsum,

Billi:

(1) Il-Kumitat Xjentifiku dwar il-Prodotti Kosmetiċi u Prodotti li mhumiex Ikel maħsuba għall-konsum, sostitwit mill-Kumitat Xjentifiku dwar il-Prodotti ta' Konsum, (SCCP), bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/210/KE [2], ressaq opinjoni fir-rigward ta' l-użu sikur tal-priservattiv *iodopropynyl butylcarbamate* (IPBC) fi prodotti kosmetiċi u ikkonkluda li l-konsum bijodisponibbli ta' kuljum ta' jodju minn prodotti kosmetiċi ma għandux jaqbeż l-20 % tal-konsum ta' kuljum irrakkomandat ta' 150μg u li l-IPBC ma għandux jintuża fi prodotti għall-iġjene orali u għall-kura tax-xufftejn.

(2) Meta wieħed iqis li l-lista ta' priservattivi awtorizzati fi prodotti kosmetiċi ma għandhiex tkun limitata wisq, iżda li l-esponiment għall-jodju mill-IPBC ma għandux ikun għoli wisq, l-iskrizzjoni eżistenti 56 għall-Anness VI għandha tiġi emendata skond dan.

(3) Il-jodati tas-sodju u l-aġent koloranti CI 45425 fihom il-jodju u huma attwalment imniżżla bħala priservattiv awtorizzat taħt l-Anness VI u bħala aġent koloranti awtorizzat taħt l-Anness IV rispettivament. Fid-dawl tan-nuqqas ta' interess minn naħa tal-partijiet interessati sabiex jiddefendu l-użu ta' dawn is-sustanzi u l-opinjoni ta' l-SCCP fir-rigward tal-ħtieġa li jitnaqqas l-esponiment għall-jodju fi prodotti kosmetiċi, l-awtorizzazzjonijiet għandhom jiġu rtirati.

(4) Id-Direttiva 76/768/KEE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(5) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar lil-Prodotti Kosmetiċi,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Annessi IV u VI tad-Direttiva 76/768/KEE huma emendati skond l-Anness ta' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom jieħdu kull miżura meħtieġa sabiex jiżguraw li mit-18 ta' Ottubru 2008 prodotti kosmetiċi li ma jikkonformawx ma' din id-Direttiva ma jitqegħdux fis-suq minn manifatturi Komunitarji jew minn importaturi stabbiliti fi ħdan il-Komunità.

L-Istati Membri għandhom jieħdu kull miżura meħtieġa sabiex jiżguraw li dawn il-prodotti la jinbiegħu u lanqas jingħataw lill-konsumatur aħħari wara t-18 ta' April 2009.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard mit-18 ta' Jannar 2008. Għandhom minnufih jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test ta' dawn id-dispożizzjonijiet u skeda ta' korrelazzjoni bejn dawn id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

[1] ĠU L 262, 27.9.1976, p. 169. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva tal-Kummissjoni 2007/17/KE (ĠU L 82, 23.3.2007, p. 27).

[2] ĠU L 66, 4.3.2004, p. 45.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, dawn għandu jkollhom referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati mit-tali referenza fl-okkazzjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu kif għandha issir it-tali referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenija tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' April 2007.

Għall-Kummissjoni
Günter VERHEUGEN
Viċi-President

ANNESS

Id-Direttiva 76/768/KEE hija emendata kif ġej:

(1) Fil-parti 1 ta' l-Anness IV, jitneħħa l-aġent kolorant CI 45425.

(2) Il-parti 1 ta' l-Anness VI hija emendata kif ġej:

(a) jitneħħa n-numru ta' referenza 10;

(b) in-numru ta' referenza 56 jinbidel b'dan li ġej:

Numru ta'referenza	Sustanza	Il-konċentrazzjoni massima awtorizzata	Limitazzjonijiet u rekwiżiti	Kondizzjonijiet għall-użu u twissijiet li jridu jiġu stampati fuq it-tikketta
a	b	c	d	e
"56	iodopropynyl butylcarbamate (IPBC) 3-iodo-2-propynylbutyl carbamate CAS N° 55406-53-6	a) prodotti taxxagħar li jitlaħlu: 0,02 % b) prodotti li ma jitlaħalhux: 0,01 %, għajr għal deodoranti/prodotti kontra l-għaraq: 0,0075 %	Ma għandux jintuża fi prodotti għall-iġjene orali u għall-kura taxxufftejn a) Ma għandux jintuża fi preparazzjonijiet għal tfal taħt it-3 snin, għajr għal prodotti talbanju/*shower gels* u xampù b) — Ma għandux jintuża fillozjoni għall-ġisem u krim għall-ġisem (*) — Ma għandux jintuża fi preparazzjonijiet għal tfal taħt it-3 snin	a) 'Ma għandux jintuża għal tfal taħt it-3 snin' (**) b) 'Ma għandux jintuża għal tfal taħt it-3 snin' (***)

(*) Għal dawk il-prodotti biss, għajr għal prodotti tal-banju/*shower gels* u xampù, li jistgħu jintużaw għat-tfal taħt it-tliet snin.
(**) Għal dawk il-prodotti biss li jistgħu jintużaw għat-tfal taħt it-tliet snin.
(***) Kwalunkwe prodott bil-għan li jiġi applikat fuq parti kbira mill-ġisem."